



Brussell, 8 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13871/19

ECOFIN 973
ENV 910
CLIMA 293
FIN 720

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Novembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima (8 ta' Novembru 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima, adottati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3725 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Novembru 2019 fi Brussell.

Konklużjonijiet tal-ECOFIN dwar il-Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima tal-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JENFASIZZA l-appoġġ qawwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni urġenti u ambizzjuża tal-Ftehim ta' Pariġi. JILQA' l-adozzjoni ta' regoli operazzjonali inklużi fil-Pakkett dwar il-Klima ta' Katowice u l-eżiti tal-Forum tan-NU dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp 2019, u JENFASIZZA s-sinerġiji bejn l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Ftehim ta' Pariġi.
2. ITENNI l-importanza li jsir progress rapidu u ambizzjuż dwar l-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, speċjalment li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima f'konformità mas-sejbiet tar-Rapport Speċjali dwar il-1.5°C tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima. F'dan ir-rigward, JILQA' impenn internazzjonali biex jiġi vvalutat il-progress kollettiv permezz tar-rendikont globali skont il-Ftehim ta' Pariġi filwaqt li JISSOTTOLINJA li avvanz aktar rapidu lejn l-għan tal-finanzjament fit-tul huwa neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tal-mitigazzjoni u l-adattament fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi flimkien mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. JENFASIZZA l-importanza li jiżdiedu l-isforzi biex ikunu jistgħu jsiru investimenti sostenibbli permezz tal-mobilizzazzjoni ta' finanzi privati u JILQA' l-inizjattivi meħuda mis-settur privat rigward il-finanzi sostenibbli u n-newtralità tal-karbonju. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha qed jieħdu passi biex jallinjaw il-flussi finanzjarji ma' żvilupp b'livell baxx ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli. F'dan il-kuntest, JILQA' l-iżviluppi reċenti fl-UE, b'mod partikolari rigward il-ħidma li għaddejja dwar tassonomija tal-UE għal attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli, standard volontarju għall-bonds hodur, leġislazzjoni ġdida dwar żewġ kategoriji ġodda ta' parametri referenzjarji ta' livell baxx ta' karbonju (parametri referenzjarji tal-UE għall-klima) u dwar divulgazzjonijiet relatati ma' investimenti sostenibbli u riskji għas-sostenibbiltà. Barra minn hekk, JILQA' inizjattivi oħra fil-livell nazzjonali u internazzjonali bħall-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għal Azzjoni dwar il-Klima u l-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzi Sostenibbli li tnedew reċentement.

3. JENFASIZZA li l-ipprezzar tal-karbonju u t-tneħħija gradwali ta' sussidji dannużi għall-ambjent u ekonomikament ineffiċjenti huma komponenti ewlenin ta' ambjent favorevoli għaċ-ċaqliq tal-flussi finanzjarji lejn investimenti sostenibbli u newtrali għall-klima, biex tiġi appoġġata transizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika u għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi favur il-klima biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima. F'dan il-kuntest, JILQA' u JAPPOĠĠA: i) inizjattivi ta' pprezzar tal-karbonju, inkluż dawk li jsaħħu l-kapaċitajiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw; ii) l-użu ta' prezzijiet tal-karbonju interni minn kumpanniji u istituzzjonijiet finanzjarji, inkluż permezz ta' banek għall-iżvilupp multilaterali u oħrajn; u iii) inizjattivi li jippromwovu t-tneħħija gradwali ta' sussidji dannużi għall-ambjent u ekonomikament ineffiċjenti u t-tneħħija rapida ta' finanzjament pubbliku u privat ta' proġetti u assi b'emissjonijiet intensivi u ta' ħsara għall-ambjent. JENFASIZZA b'mod partikolari l-benefiċċji li l-karbonju jingħata prezz u tiġi integrata l-azzjoni klimatika fil-proċessi tal-baġit nazzjonali u l-ippjanar. Huwa IMPENJAT li jaħdem mal-partijiet kollha biex jiġu żviluppati regoli robusti dwar is-swieq internazzjonali tal-karbonju (l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi).
4. JENFASIZZA l-impenn għal azzjoni klimatika ambizzjuża fl-oqsma kollha tal-baġit tal-UE li jmiss 2021-2027, inkluż il-kooperazzjoni esterna filwaqt li titqies ir-rilevanza tal-oġettivi ta' politika oħra tal-UE. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li l-fondi jintużaw b'mod effettiv u effiċjenti biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali stabbiliti mill-Partijiet tal-UNFCCC, flimkien mal-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha. JENFASIZZA l-importanza li jiġu kkoordinati azzjonijiet simili mill-Istati Membri u donaturi internazzjonali ewlenin oħra u li tiżdied il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima minn firxa ta' sorsi.
5. JENFASIZZA l-impenn kontinwu tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima bħala parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt, minn issa sal-2020 u sal-2025, jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena minn firxa wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni sinifikanti u trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni. JILQA' l-progress li sar sa issa, fejn il-kontribuzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha żdiedu b'aktar mid-doppju mill-2013 u qabżu EUR 20 biljun fis-sena, u JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu l-akbar kontributur tal-finanzjament pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluż għall-fondi multilaterali għall-klima, u kkontribwixxew EUR 21.7 biljun f'finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima għall-2018¹. IĦEĠĠEĠ lil pajjiżi żviluppati oħra biex ikomplu jżidu l-

¹ Din iċ-ċifra tinkludi sorsi ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima minn baġits pubbliċi u istituzzjonijiet finanzjarji għall-iżvilupp oħra, kif irrapportat mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013. Din tinkludi wkoll

provvista ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. JILQA' l-eżitu tal-konferenza ta' rikostituzzjoni finali tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima f'Pariġi u JAPPOĠĠA t-twettiq b'suċċess tal-proċess ta' rikostituzzjoni.

6. ITENNI li l-finanzjament pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ser ikompli jkollu rwol importanti għall-azzjoni klimatika, filwaqt li JISSOTTOLINJA li l-parti l-kbira tal-finanzjament biex tiġi xprunata l-bidla għal ekonomija globali reżiljenti u newtrali għall-klima jeħtieġ li jiġi minn sorsi domestiċi u privati u li huma meħtieġa aktar sforzi f'dan ir-rigward. JISSOTTOLINJA, f'dan il-kuntest, il-ħtieġa li l-finanzi pubbliċi jiġu mmirati aktar biex jittieħed vantaġġ b'mod aktar effettiv u effiċjenti mill-finanzjament mis-settur privat biex tiġi ffinanzjata l-azzjoni ta' mitigazzjoni u adattament, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu żgurati ambjenti abilitanti.
7. JINNOTA d-deċiżjoni fil-COP 24 biex jinbdew deliberazzjonijiet dwar l-istabbiliment, qabel l-2025, ta' għan kollettiv kwantifikat ġdid minn limitu minimu ta' USD 100 biljun fis-sena, f'konformità mal-Artikolu 9, paragrafu 3, tal-Ftehim ta' Pariġi, fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni sinifikanti u trasparenza tal-implimentazzjoni u b'kont meħud tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jimpenjaw ruħhom f'dawn id-deliberazzjonijiet li jibdew f'Novembru 2020. JENFASIZZA l-importanza tal-ħtieġa ta' varjetà usa' ta' sorsi ta' finanzjament, firxa usa' ta' kontributori, kif ukoll l-istabbiliment ta' għan ġdid f'kuntest fejn il-flussi finanzjarji globali jsiru konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi filwaqt li jiġu enfasizzati r-rabtiet mal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-finanzjament għall-iżvilupp. JENFASIZZA l-importanza ta' perspettiva orjentata lejn ir-riżultati fir-rigward tal-finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, b'mod li jiżgura l-akbar impatt possibbli għall-fondi pprovduti u mobilizzati.
8. IHEĠĠEGĠ lill-banek multilaterali tal-iżvilupp (MDBs) kif ukoll lill-banek ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali biex jindikaw il-miżuri li qed iwettqu biex jallinjaw il-portafolli tagħhom mal-Ftehim ta' Pariġi u jkomplu jżidu l-investimenti relatati mal-klima, billi jibnu fuq il-progress sinifikanti li sar fl-2018, filwaqt li jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod aktar innovattiv u effettiv biex ikompli jixprunaw il-finanzjament privat u jiżguraw il-kompatibbiltà ta' proġetti ġodda mal-Ftehim ta' Pariġi. JILQA' l-progress sinifikanti miksub

EUR 2.65 biljun f'finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima mill-Baġit tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, kif ukoll EUR 2.97 biljun mill-fondi tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

mill-MDBs f'din id-direzzjoni mill-adozzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi 'l hawn, u JINKORAĠĠIXXI lil dawk li għadhom ma għamlux dan biex jistabbilixxu miri ambizzjużi ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima wara l-2020. JILQA' l-ambizzjoni tal-Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment li jżid il-kontribuzzjoni tiegħu għall-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali. JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' strateġiji fit-tul dwar il-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. JILQA' d-dikjarazzjonijiet mill-MDBs u l-banek ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali li qed jimmiraw lejn l-allinjament tal-attivitajiet tagħhom mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u JISTENNA B'INTERESS ir-rapportar tal-MDBs dwar il-progress fl-approċċ konġunt tagħhom fil-COP 25 tal-UNFCCC f'Madrid, Spanja. F'dan ir-rigward, IĦEĠĠEĠ lill-MDBs biex jadottaw politiki ta' investment responsabbli u biex jeliminaw gradwalment il-finanzzjament ta' proġetti li jinvolvu fjuwils fossili, b'mod partikolari dawk li jużaw fjuwils fossili solidi, b'kont meħud tal-iżvilupp sostenibbli, u l-ħtiġijiet ta' enerġija, inkluża s-sigurtà tal-enerġija, ta' pajjiżi sħab.

9. JILQA' l-isforzi kontinwi biex jiżdiedu l-finanzi u l-azzjonijiet ta' adattament għat-tiżi tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp sostenibbli u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jsir aktar progress f'dan ir-rigward. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornituri tal-finanzzjament pubbliku, u ser ikompli jżiduh, għal finijiet ta' adattament u ta' mitigazzjoni, speċjalment f'dawk il-pajjiżi li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u li għandhom limitazzjonijiet sinifikanti fil-kapaċità. F'dan il-kuntest, JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-finanzi pubbliċi għall-adattament u għall-appoġġ għal pajjiżi partikolarment vulnerabbli, u dawk fost il-popolazzjonijiet tagħhom li huma partikolarment vulnerabbli, speċjalment għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw. JIEĦU NOTA tal-iżviluppi pożittivi fl-involviment tas-settur privat fl-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, inkluż il-Pjan ta' Investment Estern tal-UE. JISSOTTOLINJA li allokkazzjoni akbar ta' finanzjament għall-iżvilupp għall-adattament hija ffaċilitata billi l-pajjiżi li qed jiżviluppaw jipprioritizzaw miżuri ta' adattament fid-djalogi tagħhom dwar l-iżvilupp mal-komunità tad-donaturi.
10. JISSOTTOLINJA li d-determinazzjoni tal-ħtiġijiet għandha tiġi elaborata fil-kuntest usa' tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, u r-rabta bejn azzjoni ambizzjuża, allinjament tal-flussi finanzjarji, u mobilizzazzjoni akbar ta' finanzjament privat minn sorsi domestiċi u internazzjonali. JENFASIZZA li d-determinazzjoni tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandha tqis id-differenzi bejn il-metodoloġiji ewlenin, l-għadd kbir ta' fatturi varjabbli u l-inċertezzi inerenti. JAPPELLA lill-akkademja, lis-settur pubbliku u dak privat, inkluż istituzzjonijiet ta' żvilupp multilaterali u bilaterali, biex jimpenjaw ruħhom f'din il-ħidma. JISTENNA B'INTERESS il-preżentazzjoni ta' rapport dwar id-determinazzjoni tal-ħtiġijiet mill-COP 26.